MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2004

Numru 645/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROLAND CASSAR**

**VS**

**ROBERT SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjoni migjub kontra Robert Sciberras, ta’ 32 sena bin Carmelo u Maria Dolores nee’ Criminale, residenti 8, Flat 1, Dingli Road, Rabat, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Frar 1972 bin-numru tal-karta ta’ l-Identita’ 109572(M);

Talli fit-8 ta’ Awissu 2004, ghall-habta tas-19.00 ta’ filghaxija, gewwa Triq Duke of Edinburough, Hamrun;

1) Kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied;

2) volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 944 Godwin Caruana skond kif iccertifika Dr. O. Sammut 9798MD tal-casualty department ta’ l-Isptar San Luqa;

3) attakka bi vjolenza lill-PC 944 Godwin Caruana inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu.

Wara illi rat l-Artikoli 338 (dd), 221 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U wara illi semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat, fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll l-apologija tieghu mal-kuntistabbli kkoncernat;

Din il-Qorti, filwaqt li qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti, qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, b’multa ta’ mitt lira (Lm100) pagabbli fi zmien sena (1) mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------